**Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur**

**Karl Farrugia**

vs

**Emmanuel Galea - Emm. Galea Furniture**

Illum 1 ta' Ġunju, 2015

It-Tribunal

Ra t-talba tar-rikorrent tal-14 ta' April 2015.

Ra r-risposta tal-konvenut tat-22 ta' April 2015.

Ra l-atti kollha processwali, sema x-xhieda.

**Ikkunsidra**

Irrizulta mill-provi illi f'xi zmien fil-bidu tat-2013 ir-rikorrent kien mar fil-hanut tal-intimat u kien thajjar jikkommisjona arlogg tal-lira. Ta' dan l-intimat kien talbu l-ammont ta' elf tmien mija u tlieta u sittin Euro (€1863.00).

F'Gunju tal-istess sena hallas depozitu ta' seba' mija u tletin Euro (€730.00) u dan kif jidher minn Dok KF. Skond l-istess rikorrent l-arlogg kellu jitlesta sal-Milied ta' 2013. Dan gie konfermat mill-intimat fir-risposta tieghu, pero gie negat quddiem dan it-Tribunal, fejn l-intimat sostna illi ma sar l-ebda ftehim dwar meta kellu jlesti dan l-arlogg. Fi kwalunkwe kaz, ir-rikorrent halla l-appalt f'idejn l-intimat sabiex jezegwih.

Illi meta r-rikorrent ra illi l-arlogg ma kienx ser ikun lest sal-Milied tah diversi estensjonijiet u l-intimat dejjem kien igib skuza jew ohra biex jiggustifika d-dilungar rieghu. Darba minnhom sahansitra qallu illi l-arlogg kien lest pero l-kulur ma ghogbux u kien ser jaghmilhielu mill-gdid. L-intimat ighid li f'dan l-istadju offra illi jtih id-depozitu lura, pero' r-rikorrent ipprefera li jiehu l-arlogg. Dan, skond ir-rikorrent kien ghall-habta ta' Ottubru tal-2014 - ghaxar xhur wara li suppost kellu jitlesta l-arlogg.

Illi skond ir-rikorrent sar ftehim iehor bejn il-partijiet illi l-arlogg kellu jkun lest sa' l-ahhar ta' Jannar tat-2015 jew inkella r-rikorrent jiehu lura d-depozitu, pero dan ma baqa' ma sarx u bl-intervent tad-Dipartiment tal-konsumatur, it-terminu ghat-tlestija tal-arlogg gie estiz sal-ahhar ta'

Frar 2015. L-intimat fir-risposta tieghu jikkonferma illi kienu gew f'kompromess li kellu jlestih sal-ahhar ta' Frar 2015.

Illi dak in-nhar ir-rikorrent mar ghand il-hanut tal-intimat, ha xi ritratti ta' arlogg fi stat ovvju ta' kostruzzjoni li gie ezebit f'dawn l-atti (Dok KF1) u talab il-flus lura minghand l-intimat. L-intimat irrifjuta u ghalhekk giet istitwita l-kawza.

Illi quddiem it-Tribunal l-intimat qed jallega illi fil-fatt l-arlogg kien lest u kien f'kamra ohra u r-ritratt ezebit huwa ta' bicca xoghol ohra mhux konnessa mar-rikorrent. Mistoqsi jekk kellux xi prova illi fil-fatt l-arlogg kien lest, l-intimat kien evasiv. Mistoqsi wkoll jekk qalx lir-rikorrent dakinhar stess illi l-arlogg kien lest, l-intimat wiegeb li ma qallux ghax skond hu ma tahx cans.

F'din il-kawza ir-rikorrent qed jitlob illi t-Tribunal jikkundanna lill-intimat li jirrifondi d-depozitu mhallas.

**Ikkunsidra**

Illi t-Tribunal jikkonsidra x-xhieda moghtija mill-intimat bhala wahda inveritjera. Dan gie ikkomissjonat biex jaghmel bicca xoghol, inghata depozitu pero ma ghamilx dak li kellu jaghmel u issa qed jippretendi li jzomm id-depozitu. Bil-hlas u l-accettazzjoni tad-depozitu sar kuntratt bejn il-partijiet fejn l-intimat obbliga ruhu illi jimmanifattura dak li gie pattwit bejniethom.

Illi kemm ir-rikorrent kif ukoll l-intimat, fl-atti miktubin, qabblu li kien hemm zmien miftiehem izda quddiem dan it-Tribunal l-intimat innega dan. Ovvjament dan ma jagevolax it-tezi tal-intimat, lanqas bl-iskuza tieghu li hu ma jafx jikteb. Hija mil-lewn id-dinja illi meta jinghata appalt ma jigix miftiehem biss il-prezz izda wkoll iz-zmien tat-terminazzjoni tieghu u dan jaghmel il-versjoni tar-rikorrent hafna iktar verosimili. Hi x'inhi, anke jekk ghal grazzja tal-argument ma nghata l-ebda terminu ghal kompletezza ta' dan ix-xoghol, it-Tribunal jidhirlu illi ghandu jimponi terminu ragonevoli li fih l-intimat kien ikun kapaci li jlesti x-xoghol skond l-arti u s-sengha.

Illi t-Tribunal jirrikonoxxi li l-manufattura ta' arlogg tal-lira bix-xoghol ta' kulur u deheb jirrikjedi hafna sengha u dan irid iz-zmien tieghu. Ghalhekk fi zmien sena, l-intimat kellu jkun f'posizzjoni illi jlesti dan l-arlogg - almenu sa' Gunju 2014. Dan mhux talli ma sarx talli l-intimat dejjem baqa' jgib skuza jew ohra biex ittawwal u dan l-appalt ma jigix ezegwit.

Illi t-Tribunal lanqas ma jemmen l-intimat meta ighid li fl-ahhar ta' Frar 2015, l-arlogg kien lest, pero' kien f'kamra ohra. Ma ngabet l-ebda prova dwar dan. Min jallega irid jipprova u kien ikun ferm izjed facli ghall-intimat jevita dawn il-proceduri kollha u jaqbad jikkonsenjalu l-arlogg jekk verament kien lest specjalment in vista tal-fatt li l-intimat ighid illi jaf lir-rikorrent ghax ighaddi mill-hanut tieghu kuljum.

Illi t-Tribunal ma jistax jaghti affidament lil dikjarazzjonijiet generici li jithallew fl-arja minghajr l-ebda prova imqar fuq bazi ta' probabbilta'. Dak illi qal lill-intimat zgur ma jwassalx ghal dan il-livell u t-Tribunal ma jistax iqisu. Min-naha l-ohra hija aktar probabbli l-versjoni moghtija mir-

rikorrent u martu li kienu jidhru genwini hafna u verament hadu hafna pacenzja bl-intimat fejn gie akkordat altru ta' zmien bizzejjed biex ilesti ix-xoghol pattwit.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-fatti graw kif qalulhom ir-rikorrent u martu u ghar-ragunijiet fuq esposti jidhirlu illi it-talba tar-rikorrent ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi jaqta' u jiddeciedi illi jilqa't-talba tar-rikorrent, jikkundanna lill-intimat jirrifondi l-ammont ta' seba' mija u tletin Euro (730.00) lir-rikorrent, ammont imhallas indebitament lill-intimat, bl-ispejjes kontra l-istess intimat.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbitru**